Reġjun Għawdex

Laqgħa Nru. RGĦ 27/13

**Minuti tal-27 laqgħa li saret nhar il-Ġimgħa 8 ta' Jannar 2013.**

Il-Kumitat Reġjonali fil-6:30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria. Preżenti; Joseph Sultana (Viċi president) il-membri David Apap Mario Azzopardi, Salvu Borg, Francis Cauchi, Charles Said, Anthony Formosa, Nicky Saliba, u Ian Paul Bajada (Segretarju Eżekuttiv).

Intqalet t-talba u peress illi l-minuti tat-26 laqgħa kienu ntbgħatu minn qabel, ma nqrawx u ġew approvati unanimament.

Fl-assenza tal-President tar-Reġjun, ippresjeda din il-laqgħa l-Viċi President Joseph Sultana.

1. **<u>Korrispondenza</u>**

1.1 Mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn informat illi bis-seħħ minn Awwissu tal-2012 bdiet tiġġestixxi d-dħul tal-fondi tal-infurzar lokali li jkun sar ġewwa d-Dipartiment tal-Liċenzji. F'din il-korrispondenza l-Assoċjazzjoni uriet l-ammont dovut lir-Reġjun minn Jannar sa Lulju 2012. Dan l-ammont baqa jidħol fil-kontijiet tas-sistema tal-infurzar lokali preċedenti u b'hekk huma dovuti lir-Reġjun. Is-segretarju qajjem il-punt illi ir-reġjun ħa b'self mingħand il-Kumitat Konġunt t' Għawdex € 26,000. Hu staqsa jekk l-ammont dovut mill-istess kumitat konġunt għandux jitnaqqas mis-self. Il-membri qablu unanimament illi l-ammont dovut mill-kumitat konġunt għandu jitnaqqas mis-self.

1.2 Memo 59/2012 – Għeluq tas-sena Finanzjarja

2. **<u>Approvazzjoni ta' Pagamenti</u>**

Il-pagamenti ta' skeda numru 17 illi jammonta għall- € 29,943.79 ġiet approvata.

3. **<u>Materji Oħra</u>**

3.1 Ġie diskuss il-*performance bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv fejn ġie approvat fit-totalita tiegħu b'mod unanimu.

3.2 Peress li ma kienx hemm aktar punti xi jiġu diskussi – din il-laqgħa spiċċat fis-7:15 pm.

________________ ________________

Dr Samuel Azzopardi
President

Ian Paul Bajada
Segretarju Eżekuttiv

**Banca Giuratale, Pjazza Indipendenza, Rabat – Għawdex VCT 1020**
**TEL: 21561653 FAX: 21563355**